# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta'Novembru 2015**

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Numru : 848/2006/JPG**

**Gilbert Micallef I.D. 470875(M)**

**vs**

**Seliter Limited (C.21583) u**
**Pamson Limited ghal kull interess li jista' jkollha (C.8838)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' Gilbert Micallef tas-19 ta' Settembru 2006, li jaqra hekk:

1. *"Illi nhar is-sittax (16) ta' Marzu, 2005 ir-rikorrenti kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol meta wiehed mis-swaba ta' jdejh safa' stejpiljat minn magna.*

2. *Illi konsegwenza ta' dan l-incident, ir-rikorrent sofra danni emergenti u lukri cessanti konsistenti f'dizabilita' permanenti f'persuntu u telf ta' xoghol.*

3. *Illi l-incident in kwistjoni kien dovut ghal nuqqas ta' sigurta' u attenzjoni ghas-sahha u l-inkolumita' tal-haddiema da parti tas-socjetajiet konvenuti u ghaldaqstant ir-responsabbilta' ta' dan l-incident hija unikament tas-socjetajiet konvenuti.*

4. *Illi s-socjetajiet konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u ghall-hlas tad-danni sofferti mir-rikorrent, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Settembru, 2006. Izda baqghu inadempjenti.*

*Jghidu ghalhekk is-socjetaiiet konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-*

1. *Tiddikjara illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-incident u ghad-danni kollha konsegwenzjali li sofra r-rikorrent;*

2. *Tillikwida, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, d-danni sofferti mir-rikorrent konsegwenza ta' l-imsemmi incident;*

3. *Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrent id-danni hekk likwidati.*

*B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti fil-ligi u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Settembru, 2006 u bl-imghaxijiet kontra s-socjetajiet konvenuti li minn stess huma ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-partijiet skond il-ligi;

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Seliter Limited tat-28 ta'Novembru 2006 (a fol.21) li taqra hekk:

1. *"Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess attur.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident gara* ***tort kompletament ta' l-istess attur*** *li naqas serjament fid-doveri tieghu bil-konsegwenza li issa qed jipprova jitfa' l-htija tieghu fuq is-socjeta' esponenti w terzi ghan-nuqqas tieghu.*

3. *Illi di piu' l-attur kien gie moghti* ***struzzjonijiet stretti*** *wara* ***stharrig adattata*** *fejn hu stess mar kontra dawn l-istruzzjonijiet stretti li kienet harget il-management liema haga se tigi ppruvata fil-mori tal-kaz biex b'hekk* ***hu stess holoq dan l-incident****.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Pamson Limited tat-28 ta' Novembru 2006 (a fol. 24) li taqra hekk:

1. *"Illi s-socjeta' esponenti m'ghandha ebda relazzjoni legali ma' l-attur, liema haga jaf ben tajjeb u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-seuspost u fil-meritu, l-incident li gara kien* ***tort assolut ta' l-istess attur*** *li agixxa* ***b'mod irresponsabbli meta kellu l-istharrig necessarju w struzzjonijiet stretti*** *bil-konsegwenzi odjerni fejn qed jipprova jitfa' l-htija ghan-nuqqas tieghu fuq is-socjeta' attrici u terzi bl-iskop car biex jipprova jaghmel qliegh personali.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-16 ta' Jannar 2007 fejn innominat lil Dr. Veronica Galea Debono bhala Perit Legali (a fol. 27) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-16 ta' Jannar 2007 fejn innominat lil Mr. Charles Grixti bhala Perit Mediku (a fol. 28) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-27 ta' Frar 2007 fejn issostitwiet il- Perit Mediku u nnominat lil Dr. Fredrick Zammit Maempel (a fol. 71) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-19 ta' Gunju 2007 fejn issostitwiet il- Perit Mediku u nnominat lil Mr. Anthony Bernard (a fol. 89) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-16 ta' Jannar 2008 (a fol. 102) fejn irrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali u l-Perit Mediku u halliet il-kawza Sine Die ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-7 ta' Frar 2008 (a fol. 108) fejn irriapuntat il-kawza u nnominat lil Dr. Veronica Galea Debono bhala Perit Legali u lil Mr Anthony Bernard bhala Perit Mediku;

Rat ir-rapport mediku tal-Perit Mediku Anthony A Bernard mahluf fl-14 t'Ottubru 2008 (a fol.. 142 et seq.);

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Frar 2014 (a fol. 249) fejn irrevokat l-inkarigu ta' Dr Veronica Galea Debono bhala Perit Legali u nnominat lil Dr. Claudio Zammit;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Caludio Zammit prezentat fl-20 ta' Jannar 2015 u mahluf fl-14 ta' Jannar 2015 (a fol.. 369 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet ta' Gilbert Micallef tas-26 ta' Marzu 2015 (a fol. 390 et seq.);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattzzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi **l-attur Gilbert Micallef** xehed dwar kif beda jahdem ma' Seliter Limited ta' Triq Gdida fi Triq San Gwakkin, l-Imriehel, fis-16 t'Awwissu 2004. L-impjieg tieghu kien ta' *factory assistant*, u x-xoghol tal-kumpanija li beda jahdem maghha kien wiehed ta' stamperija. Fiz-zmien li beda jahdem l-impjegati kienu biss hu u wiehed iehor, certu Patrizio Parascandalo. Dan ta' l-ahhar kien jahdem bhal printer, filwaqt li l-attur kien jahdem fuq il-magni l-ohra kollha. Spjega wkoll illi hu qatt ma nghata xi forma ta' tahrig dwar xoghlu mill-kumpanija li mpjegatu. Meta dahal jahdem mas-socjeta' konvenuta Seliter Limited, kien l-istess Patrizio Parascandalo li kien jurieh x'ghandu jaghmel fuq il-magni, u kien imur ikompli x-xoghol tieghu.

Dakinhar ta' l-accident de quo, u cioe' fis-16 ta' Marzu 2005, l-attur pogga fuq siggu hdejn magna tissejjah *stitcher* u beda jistejpilja xi pitazzi biha, cioe' dawk il-pitazzi li l-istaples taghhom kienet saret hazina wara li hargu minn taht magna ohra li tissejjah il-*collator*. Sakemm huwa kien qed juza din l-i*stitcher*, waqfet hesrem il-*collator* u x'hin mar iqum minn fuq l-i*stitcher* biex imur hdejn il-*collator*, zelaq u wehlitlu saqajh mal-pedala ta' l-i*stitcher*. Idejh zelqitlu taht il-head fejn jigu stejpiljati l-pitazzi u l-magna stejpiljatlu subghajh ma' ktieb, bil-konsegwenza li wegga' gravement dan is-subgha (is-subgha tac-curkett t'idu l-leminija) u kellu jittiehed l-isptar mill-imghallem Paul Agius, fejn gie operat.

L-attur irrimarka wkoll illi l-magna li korra fuqha ma kellhiex *safety guard*. Izda xahrejn wara l-incident kien mar fuq il-post u sar jaf li fuq din il-magna kienet twahhlet *safety guard*. L-attur esebixxa varji dokumenti, fosthom ricevuti ghal medicini u konsulti li kellu jaghmel, certifikati medici, dokumenti ta' l-isptar, ritratti sabiex juri l-ghamla tal-magna in kwestjoni, u dokmenti ohra.

Mistoqsi in kontro-ezami, l-attur cahad illi kien inghata xi struzzjonijiet specifici biex ma juzax il-magna in kwestjoni. Ghall-kuntrarju, qal li kellu struzzjonijiet fis-sens li jekk il-magna z-zghira taghmel xi staples li jkunu hziena, huwa jiehu l-pitazzi fl-i*stitcher*, il-magna in kwestjoni, u jirrangahom fuqha.

**Joanna Micallef Dougall,** mart l-attur, spjegat is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha l-attur fl-isptar, kif ukoll applikatlu ghat-talba ghall-ghoti ta' beneficcji ghall-korrimenti fuq il-post tax-xoghol.

**Patrizio Parascandalo,** kollega ta' l-attur, kien fuq x-xoghol u prezenti fuq il-post ta' l-incident dakinhar li sehh. L-incident innifsu ma rahx, izda kif l-attur wegga', u ra d-demm m'id l-attur, ghajjat ghall-ghajnuna. Parascandolo ikkonferma li **l-impjegati ma kienu jircievu ebda tahrig dwar kif juzaw il-magni**, apparti dak li kien jurihom hu. Fiz-zmien li sehh l-incident, kienu biss hu u l-attur li kienu qed jahdmu f'din l-istamperija. Ikkonferma li magna bhal dik li **wegga' fuqha l-attur suppost li jkollha lqugh jew *safety guard*, biex id min ikun qed jahdem fuqha ma tidholx taht l-i*stapler***, u li hu gieli **gibed l-attenzjoni ta' l-imghallem** sabiex jaghmlu dan l-ilqugh, **li izda baqa' ma sarx**. Ikkonferma wkoll illi dan l-ilqgugh sar **wara** li wegga' l-attur.

**Dr. Imrich Molnar** li spjega kif opera lill-attur kemm dakinhar ta' l-incident u anke wara.

**David Saliba**, (*Occupational Health and Safety Authority)* qal li l-Awtorita' ma kinitx giet mgharrfa b'dan l-incident, **hlief mill-attur stess fit-13 t'April 2006**, u ghalhekk investigazzjonijiet dakinhar ma sarux. Iktar tard inhargu **l-akkuzi kontra John Fenech u Paul Agius, u nstabu hatja u kkundannati jhallsu multa ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600).**

**Jennifer Debono** mill-ETC, ikkonfermat li l-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta Seliter Limited fid-data ta' l-incident.

**Dr. Carmel Sciberras**, l-konsulent kkonferma li kien ra lill-attur u kien anke ghamel rapport mediku.

**John Fenech**, Direttur tas-socjeta' konvenuta Pamson Limited, u s-socjeta' konvenuta l-ohra, Seliter Limited, xhed li Seliter Limited kienet twaqqfet biex taghmel xi xoghol ta' stamperija. Id-direttur manigerjali ta' Seliter Limited kien Paul Agius, izda kemm hu kif ukoll Agius kienu diretturi ta' Seliter. Fl-1 ta' Gunju

2007Agius u hu ma baqghux shab fin-negozju. Meta gara l-incident, Fenech ma kienx fuq il-post. Il-mahzen fejn gara l-incident kien mikri lil Seliter Limited, u Pamson Limited qatt ma kellha xi konnessjoni ma' din il-kirja. Xehed ukoll illi hu jaf illi meta gara l-incident, Paul Agius ta' Seliter Limited kien irraporta b'dan lil SMS Insurance Agecny Ltd.

**Richard Vella**, Direttur ta' SMS Insurance, xhed li z-zewg socjetajiet konvenuti kienu klijenti tieghu. Ikkonferma li kien hemm *claim* miftuh minhabba l-korriment ta' l-attur, li nfetah f'Marzu jew April tas-sena 2005. Il-polza ta' l-assikurazzjoni kienet tkopri wkoll incident bhal dak odjern.

Illi l-attur esebixxa wkoll sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront ta' John Fenech u Paul Agius in konnessjoni ma' l-istess incident, fejn dawn instabu hatja ta' l-ewwel u t-tielet akkuza, u gew liberati mit-tieni akkuza, u gew kundannati ghall-hlas ta' multa ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600). Din is-sentenza giet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Illi mill-formula FS 3 esebita mill-attur, jirrizulta illi l-qliegh tieghu matul is-sena 2005 kien ta' tlett'elef, disa' mija u tmienja u disghin lira Maltin **(Lm3998) gross fis-sena**.

Gilbert Micallef gie ezaminat gie ezaminat mill-Perit Mediku il-konsulent Anthony Bernard, fis-16 ta Mejju 2008 u wara li gie moghi li gurament spjega li kien wegga ' idu l-leminija fis 16 ta Marzu 2005 meta kien fuq ix-xoghol. Qal li zelqitlhu siequ waqt li kien qed juza "*collator*" ta *printing press* u dahhal *staple* gos-seba' tac-curkett t'idu lemin. Haduh l-lsptar fejn sabu li kien sofra "*compound fracture*"tal- *proximal phalanx* tar-raba' seba' fuq il-lemin.

L-attur kien gie operat biex titnaddaf l-ferita u fit tieni operazzjoni fis-17 ta' Marzu ghamlulhu ***Kirschner wire*** fil-ksur fil-ghadma tas-seba' tac-curkett tal-lemin.

Il-Frattura ma kienetx ghaqdet f'pozizzjoni tajba u l-gog fin-nofs tas-seba' baqa' mtella ' l fuq u kellhom jergghu jiksruhulu u ghamlulu "*corrective osteotomy*" f'Jannar tal 2006.

Kienu tawh l-*antibiotics* peress li kienet zvilluppat infjammazzjoni wara dan l-intervent u nehhewlu l-*wire* f'Mejju 2006. Kien jattendi ghall-fizjoterapija imma ma setghax jerga jgib il-moviment shih fis seba'.

Ghalkemm l-attur jikteb b'idu tax-xellug, xorta jinvita u jaghmel xoghol tqil b'idu tal-lemin u naqsitlhu l-qabda tal-id. Tilef ix-xoghol li kien jaghmel f'Marzu 2006 u issa jahdem ta' *storeman*.

L-attur kien baqa' jilmenta li jhoss ugieh fis-seba', ma jiehux pilloli, u ma jistghax jaghmel forza jew jerfa' b'idu tal-lemin. Il-pozizzjoni tas-seba ma thalliehx jghaddi idu f'postijiet ristretti, bhal bejn il-kaxex fuq ix-xoghol. lsibha difficli li jdahhal idu fil-but u  ma jistghax ihabbat b'idu l-leminija. Kellu jaghmel alterazzjoni fil-reel tal-qasba tas-sajd li juza' ghax sebghu jahbatlu maghha.

L-attur  hu ragel mizzewweg u ghandu zewgt itfal.

Wara ezami kliniku l-konsulent Bernard kkonkluda li Gilbert Micallef sofra *compound fracture* fis-seba’ tac-curkett t’idu tal-lemin. Minkejja zewg operazzjonjiiet il-gog baqa’ iebes u sfurmat u ma jpermettilhux li juza idu l-leminija normalment kemm fix-xoghol u kemm fl-affarijiet ta’ kuljum. In-nuqqas ta’ sensazzjoni fit-tarf tas-seba’ jista’ jkun kawza li jwegga’ dan is-seba’ minghajr ma jkun jaf.

Ghalhekk id-disabilita’ li soffra tal-attur kawza ta’ dan l-incident huwa ta’ 12 % (tnax fil-mija).

Illi ghandu jinghad ukoll illi dakinhar ta’ l-incident, l-attur kellu **disgha w ghoxrin (29) sena**.

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta’ dawn il-Qrati:

> *“kif pacifikament assodat f’bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji*

> *ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi **"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",** Appell 29 ta' Mejju 1998). **"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."** Appell 6 t'Ottubru 1999; **"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",** Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti

**Ikkonsidrat:**

L-Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi kull wiehed ghandu jwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu. L-artikoli ta' wara dan jispecifikaw li jitqies fi htija kull min, bl-ghemil tieghu, ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Dak illi trid tistabilixxi din il-Qorti hu jekk il-principal ta' l-attur naqasx milli juza dik il-prudenza u diligenza ta' missier tajjeb tal-familja fl-ambjent tax-xoghol li pprovda.

Din id-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja fid-dinja tax-xoghol inghatat interpretazzjoni partikolari, kif imfisser b'mod car fis-sentenza **Victor Cassar et vs. HSBC Bank Malta plc** deciza fit-3 ta' Marzu 2009[1],. Il-Qorti, propju dwar is-*safe system of work* ta' l-impjegati qalet:

> ***"Jibda biex jinghad li huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol. Dan huwa principju generali li jitfa' obbligu fuq min ihaddem, mhux biss f'kaz ta' fabbriki, magni jew oggetti ohra innominati, izda biex jipprotegi lill-haddiema anke minn att ta' terz, bhal per ezempju azzjoni ta' xi haddiem iehor jew terza persuna. Il-post tax-xoghol ghandu jkun hieles minn kull periklu ghas-sahha u sigurta` sa fejn ragjonevolment prattiku. Ghandu jkun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita` fizika u psikologika ta' l-impjegati. Infatti f'dan it-tip ta' kawzi, azzjoni ma tkunx bazata biss fuq il-principji generali tar-responsabbilta` aquiliana kif tirrizulta mill-Kap 16 art 1032, izda wkoll minn ligijiet statutorji vigenti fiz-zmien ta' meta jsir l-incident."***

Illi ghalhekk apparti l-principji generali tal-htija kif misjuba fil-Kodici Civili, wiehed irid ihares ukoll lejn dawk il-ligijiet specjali li jirregolaw il-post tax-xoghol, partikolarment Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar l-Awtorita tas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-xoghol.

Il-Qrati taghna jitfghu dawl fuq il-kundizzjonijiet li jrid ikun hemm sabiex post tax-xoghol jikkwalifika bhala *a safe system of work*. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Grech vs Carmelo Bugeja et,** deciza fid-9 ta' Ottubru 2006, din l-Qorti kif diversament presjeduta qalet:

[1] Prim'Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef Lino Farrugia Sacco

*"Id-doveri ta' sid ta' entrapriza biex ihares is-sahha ta' l-impjegati tieghu huma li:*

*A. il-haddiema ghandhom jahdmu f'post tax-xoghol li ma jkunx perikoluz taht ic-cirkostanzi tat-tip ta' xoghol [safe place of work];*

*B. il-mod kif isir ix-xoghol [bhala sistema] m'ghandux ikun wiehed perikoluz [safe system of work];*

*hemm erba' elementi li jirrendu a system of work unsafe –*

*a. that the defendant's operations involved a risk of injury which was reasonably forseeable;*
*b. that there were reasonably practicable means of obviating such risk;*
*c. that the plaintiff's injury was caused by the risk in question;*
*d. that the failure of the defendant to eliminate the risk showed a want of reasonable care for the plaintiff's safety;*

*C. il-fatt li l-mod kif isir ix-xoghol ilu stabbilit ghal zmien twil ma jfissirx necessarjament li is-sistema hija necessarjament wahda li ma fihiex perikolu;*

*D. il-haddiema jkollhom ghodda li ma twassalx ghal-perikolu [safe tools and proper machinery];*

*E. il-haddiema ghandhom ikunu mghallma tajjeb ghat-tip ta' xoghol li qed jaghmlu [properly skilled workers];*

*F. min ihaddem m'ghandux iqabbad lill-haddiema tieghu jaghmlu xoghol li mhux soltu jaghmlu u li ghalih ma kellhom stharrig; hu importanti wkoll li wiehed jara kemm ilu jahdem f'dak it-tip ta' xoghol il-haddiem;*

> ***G. ir-responsabbilta' tas-sid tizdied jekk il-haddiem jirrileva xi perikolu involut u s-sid jinjora dan il-fatt;***
>
> ***H. il-haddiema ma ghandhomx ikun traskurati b'mod li jzidu l-perikolu;***
>
> ***I. kull min jimpjega haddiema ghandu l-obbligu li jonora lligi generali tal-pajjiz"***

Illi jemergi car illi l-attur kien regolarment impjegat mas-socjeta' konvenuta Seliter Limited. Din is-socjeta' bhala l-principal tieghu kienet fid-dover li toffri lil-attur ambjent sikur fejn jahdem, u tipprevjeni kemm tista' l-periklu, a bazi tal-principji appena enuncjati.

Illi jirrizulta bhala stat ta' fatt illi fil-magna li fuqha wegga' l-attur, kien mehtieg li jsirilha lqugh apposta sabiex ma thallix l-idejn jghaddu lejn jew taht l-*istapler*, haga li ma saritx **hlief wara** l-incident de quo. Illi n-nuqqas ta' dan is-*safety guard* huwa fattur importanti hafna ta' kif gara' l-incident li bih wegga' l-attur.

Illi jirrizulta illi l-korriment ta' l-attur kien incident sfortunat, fejn wara li qam biex jirranga magna ohra, zelaq u wehlitlu saqajh mal-pedala ta' l-i*stitcher*. Idejh zelqitlu taht il-head fejn jigu stejpiljati l-pitazzi u l-magna stejpiljatlu subghajh ma' ktieb. Il-Qorti tqis illi z-zelqa u l-fatt li id l-attur marret minghajr hsieb taht l-*istapler*, sar b'att tortuwitu u hadd ma jahti ghal dan – izda l-provi, mhux kontradetti, juru illi li kieku kien hemm f'postha din il-*guard* fuq indikata, id l-attur ma kinitx tasal sa taht l-*istapler*. Huwa propju minabba dan illi ma jistax jinghad illi s-socjeta' konvenuta kienet qed tipprovdi '*safe system of work'* ghall-attur bhala impjegat taghha.

Illi s-socjetajiet konvenuti fir-risposti taghhom qed jikkontendu illi bl-ghemil tieghu l-attur ikkontribwixxa ghall-akkadut u ghalhekk kienu hu stess l-kagun ta' kif gara' l-incident. Dak li trid tezamina din il-Qorti huwa min kien responsabbli ghal dan l-incident. Fuq dan il-punt, din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta kellha l-opportunita' tghid dan li gej:

> ***Huwa facli ghal dak li jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghax uza ghodda mhux koperti minn apparat ta' sigurta; izda fuq kollox l-impjegat ikun qed jahdem ghall-ahjar ta' min jaghtih ix-xoghol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda jkun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wiehed jattribwixxi xi tort lill-attur u nghidulu li kien ahjar li hasel idejh.***
>
> ***Kif irriteniet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Schembri vs. Caruana nomine deciza fit-12 ta' Jannar,1983, employer illi jkun jaf li fil-makkinarju tieghu hemm perikolu u ma jiehu ebda passi biex jirrimedja ghal dan jesponi ruhu ghall-konsegwenzi legali li johorgu minn dan... L-employer (ghandu jahseb) illi jippjana sew ix-xoghol u jikkunsidra l-fatt li l-istess haddiema gieli jittraskuraw ir-riskji nvoluti fix-xoghol taghhom ta' kull jum.*** [2]

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li s-socjeta' konvenuta Seliter Limited messha rat li l-magna li kien qed jahdem biha l-attur jew issirilha l-protezzjoni mehtiega jew inkella tigi skartata ghal kollox u ma juzaha hadd. Ladarba thalliet fl-istamperija kienet qed tesponi lilha nfisha ghall-konsegwenzi ta' l-akkadut.

Illi apparti dan, is-socjetajiet konvenuti fl-eccezzjonijiet taghhom jishqu illi l-attur inghata t-tahrig necessarju biex jahdem fuq dawn il-magni. Mill-provi prodotti izda rrizulta **ampjament li ma kien hemm ebda tahrig maghmul specifikatament ghall-haddiema biex jitghallmu juzaw dawn il-magni.** Kull ma kien hemm kien biss haddiem iehor, li kien jindika lill-haddiem il-gdid x'ghandu jaghmel, u dan bejn bicca xoghol u ohra, u skond il-htiega li tinqala', u mhux bhala xoghlu *full-time*. Dan ma jikkwalifikax bhala tahrig, u ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni.

Illi kwantu ghall-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Pamson Ltd. fis-sens li m'ghandha ebda relazzjoni legali ma' l-attur, il-provi jixdu dan l-istat ta' fatt. In fatti John

[2] **Anthony D'Anastasi vs. Korporazzjoni EneMalta** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – Deciza fit-28 ta' Gunju 2005.

Fenech, xhed, li r-relazzjoni li kellu l-attur kienet biss ma' Seliter Limited,u dan gie korroborat mix-xhieda ta' Jennifer Debono mill-ETC.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ta' Pamson Ltd. u tqis illi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Stabbilita l-htija shiha tas-socjeta' konvenuta Seliter Limited ghall-akkadut, jonqos issa li jigu likwidati d-danni li sofra l-attur. Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Edward sive Teddie Borg et vs. Albert Schembri et**, moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Frar 2013, li stabbiliet l-aktar metodu modern, ekwu, biex jigu stabbiliti d-danni. Mill-provi rrizulta s-segwenti:

L-attur kellu disgha w ghoxrin (29) sena meta gara l-akkadut;

Kellu paga ta' disat'elef, tlett mija u tnax-il Euro u erbgha u hamsin centezmu (€9,312.54) fis-sena; Dan irid jigi moltiplikat bil-*multiplier* li f'dan il-kaz ghandu jkun ta' 27, biex b'hekk igib is-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin elf, erba' mija u tmienja u tletin Euro u tmienja w hamsin centezmu (€251,438.58). Dan jigi moltiplikat bil-persentagg ta' dizabilita' permanenti li sofra l-attur, ammontanti ghal tnax fil-mija (12%), biex b'hekk igib is-somma ta' tletin elf, mija u tnejn u sebghin Euro u tlieta u sittin centezmu (€30,172.62). Dan l-ammont dovut jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* fl-ammont ta' ghaxra fil-mija (10%), biex b'hekk it-total dovut jigi sebgha u ghoxrin elf, mija u hamsa w hamsin Euro u sitta u tletin centezmu (€27,155.36).

Illi ma' dawn iridu jizdiedu xi spejjez li ghamel l-attur, u li r-ricevuti relattivi ghalihom esebihom ma' l-affidavit tieghu. Dawn jammontaw ghal erba' mija u sebgha u tletin Euro u disa' centezmi (€437.09). B'din is-somma maghduda, it-total dovut jigi sebgha w ghoxrin elf, hames mija u tnejn u disghin Euro u erbgha w erbghin centezmu (**€27,592.44**).

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Pamson Limited u tillberha mill-osservanza tal-gudizzju ghar-

ragunijiet fuq indikati,tichad it-tieni eccezzjoni ta' Pamson Limited, tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' Seliter Limited, tilqa' t-talbiet attrici fis-sens illi

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta Seliter Limited hija responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni sofferti mill-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' sebgha w ghoxrin elf, hames mija u tnejn u disghin Euro u erbgha w erbghin centezmu (**€27,592.44**);

3. Tikkundanna lis-socjeta' Seliter Limited thallas lill-attur is-somma ta' sebgha w ghoxrin elf, hames mija u tnejn u disghin Euro u erbgha w erbghin centezmu (**€27,592.44**);

Bl-ispejjez kontra is-socjeta' konvenuta Seliter Limited u bl-imghax li jibda jidekorri mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**